MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2007

Talba Numru. 762/2006

**Talba Nru: 762/06PBC**

**Anthony Farrugia Company Limited
(C 12048)**

**Vs**

**Anthony Dowling K.I. Nru. 428059 (M) u b'digriet tat-Tribunal
tat-8 ta' Jannar, 2007 gie nominat Dr Leslie Cuschieri bhala Kuratur Deputat sabiex jirrapprezenta lill-assenti Anthony Dowling**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat li jhallas is-somma ta' mija u tlieta u tletin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm133.78c) prezz ta' merkanzija varja principalment xorb u inbid, lilu mibjugh u kkonsenjat f'Nostalgia Restaurant, Mosta Road, San Pawl il-Bahar. Bl-ispejjez u bl-imghax legali mit-8 t'Awissu, 2006 u bl-ispejjez ta' Mandat ta' Qbid kawtelatorju pprezentat kontestwalment u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-Kuratur li biha wiegeb illi huwa ma kellux opportunita' jikkomunika ma' l-assenti konvenut u ghalhekk filwaqt li jitlob lill-kontro-parti tghaddilu kull informazzjoni ohra li jista' ghandha dwar kif jista' jikkomunika ma' din il-persuna, jirriserva li jirrispondi u jeccepixxi ulterjorment fi stadju ulterjuri.

Ra li l-attur iddikjara li m'ghandux informazzjoni ulterjuri ta' fejn jista' jinstab il-konvenut.

Sema' x-xhieda ta' Dr Ramon Rossignaud.

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi bejn il-5 t'April, 2006 u l-5 ta' Gunju, 2006 il-konvenut, li kien qed jiggestixxi n-Nostalgia Restaurant, Mosta Road, San Pawl il-Bahar xtara merkanzija minghand is-socjeta' attrici li jgib valur totali ta' mija u tlieta u tletin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm133.78c).

Jirrizulta li din il-merkanzija ma thallsitx izda fis-16 t'Awissu, 2006 parti minnha giet ritornata u dan fil-valur ta' tmienja u tletin lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm38.18c) biex b'hekk jigi li l-konvenut ghad fadallu jhallas is-somma ta' hamsa u disghin lira Maltin u sittin centezmu (Lm95.60c).

Illi fid-dawl tal-premess it-talba attrici tisthoqq li tigi milqugha f'dan l-ammont ridott.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici limitatament fis-somma ta’ hamsa u disghin lira Maltin u sittin centezmu (Lm95.60c) u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta’ hamsa u disghin lira Maltin u sittin centezmu (Lm95.60c) bl-ispejjez tal-kawza. L-interessi jibdew jiddekorru mid-19 t’Awissu, 2006.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------